ecvet permit
permeability between the non-formal and formal vocational and educational system

# ECVET PERMIT

## IL-PROĠETT

Il-proġett **ECVET għall-Permjabilita` u t-Trasferabilita` bejn is-Sistema tal-VET Formali u Mhux Formali (ECVET Permit)** għandu l-għan li jimplimenta l-metodoloġija tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) fil-kurrikuli tal-programmi tal-istudju tal-VET fi ħdan is-sistema formali u mhux formali tal-VET, f'livell nazzjonali u tal-UE, fi sforz biex tikber il-permjabilita` u t-trasferabilita` tar-riżultati tat-tagħlim akwistati f'kuntesti ta' tagħlim differenti.

B'mod speċifiku l-proġett għandu l-għan li japplika l-metodologija ECVET biex jiddiskrivi, jassessja u jivvalida r-riżultati tat-tagħlim fil-programmi tal-istudju tal-VET tat-tliet speċjalizzazzjonijiet tekniċi mhux formali:

- Elektrixin
- Plamer
- Mekkanik tal-Karozzi

biex jittestja t-trasferabilita` tal-krediti mis-sistema tal-VET mhux formali għall-formali, l-ewwel nett fuq skala nazzjonali u t-tieni nett fuq livell Ewropew.

## IT-TIENI LAQGĦA TRANSNAZZJONALI

Wara l-ewwel laqgħa transnazzjonali Malta, u l-attivita` ta' 5 ijiem ta' tagħlim li saret Ċipru, it-tieni laqgħa transnazzjonali saret Ateni, il-Greċja fis-17 u t-18 ta' Settembru 2015. Dil-laqgħa saret biex:

## SĦAB

**Intercollege**
Ċipru
papaloizou.l@intercollege.ac.cy
www.intercollege.ac.cy

**CPC – Cyprus Productivity Centre**
Ċipru
ghorattas@kepa.mlsi.gov.cy
www.mlsi.gov.cy

**HRDA – Human Resources Development Authority of Cyprus**
Ċipru
i.zenios@hrdauth.org.cy
www.hrdauth.org.cy

**IDEC**
Il-Greċja
natassa@idec.gr
www.idec.gr

**IIEK DELTA**
Il-Greċja
kkiousis@delta-iek.gr
www.delta-iek.gr

**MCAST – Malta College of Arts, Science and Technology**
Malta
joshua.bugeja@mcast.edu.mt
www.mcast.edu.mt

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276

- Tippreżenta l-aħħar ħidma li tista' ssir tal-Output Intellettwali 1 – Linjigwida Metodoloġiċi għall-Implimentazzjoni Prattika tal-ECVET fi ħdan il-kuntest tal-proġett.
- Tippreżenta l-istatus preżenti tal-Output Intelletwali 2 – il-manwal tat-Taħriġ ECVET għall-Konverżjoni tal-Kurrikulu fi ħdan il-Qafas tas-CVET; tikkonferma l-kontenut wiesa' u ż-żminijiet imfassla tiegħu.
- Tippreżenta kif l-għanijiet tal-Output Intellettwali 3 – Tfassil tal-Kurrikulu fi ħdan il-Qafas tal-ECVET għal Livell Nazzjonali u Transnazzjonali, se jintlaħqu biex jiġi żviluppat ir-rapport tas-sintesi meħtieġ.
- Tipproponi u tiddiskuti l-pjan ta' azzjoni għall-Output Intellettwali 4 – Konverżjoni ta' Programmi ta' Studju VET għas-Sistema ECVET.
- Tippreżenta pjan ta' azzjoni preliminari għall-Output Intellettwali 5 – Proċess ta' Validazzjoni u Assessjar Komuni għat-Trasferiment tal-Kretti bejn is-Sistema VET Formali u mhux Formali.
- Tiddiskuti idikaturi ta' kwalita` għall-Outputs Intellettwali kollha.
- Tagħmel xogħol fi grupp skont kif meħtieġ.

Din il-laqgħa attendew għaliha ħmistax-il ruħ sew li jirrappreżentaw l-imsieħba kollha f'dan il-proġett: 3 mill-MCAST, 4 minn Intercollege, 1 minn IDEC, 1 minn CPC, 1 minn HRDA, u 5 minn IEK DELTA li bil-qalb kollha laqgħuna għal-laqgħa. Il-laqgħa transnazzjonali li jmiss se ssir Ċipru fit-12 u t-13 ta' Mejju 2016.

## IL-PROGRESS TAL-PROĠETT

Il-proġett ECVET PERMiT miexi 'l quddiem kuljum. Matul Diċembru u l-bidu ta' Jannar it-tir kien li jiġi ffinalizzat l-Output Intellettwali 3 - During the month of December and early January the focus was on finalizing Intellectual Output 3 – Tfassil tal-Kurrikulu fi ħdan il-Qafas tal-ECVET għal Livell Nazzjonali u Transnazzjonali.

L-MCAST, minħabba li hi l-organizzazzjoni li tmexxi l-Output Intellettwali 3, ippreżentat lill-Kumitat li Jmexxi l-Proġett Rapport Sintesi bħala l-aħħar ħidma li tista' ssir għal dan l-output. Ir-Rapport Sintesi bis-sehem ta' kull sieħeb fil-proġett. Għall-Output Intellettwali l-imsieħba kellhom iħejju rapport bid-dettalji ta' żewġ programmi ta' studju. Biex jintlaħaq l-għan, l-imsieħba kellhom jirriflettu dwar termini relatati mal-ECVET bħal Kurrikulu, Riżultati tat-Tagħlim, Għarfien, Ħiliet u Kompetenzi.

## RITRATTI

**It-2 laqgħa transnazzjonali**






Konferenza EfVET









Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276

Barra dan, il-programm ta' studju kellu jitfassal skont standards li għandhom x'jaqsmu max-xogħol jew profili tax-xogħol sabiex jistabilizzaw kif suppost il-livell tagħhom fuq il-Qafas tal-Kwalifikazzjonijiet Ewropew

It-tfassil tal-kurrikulu fi ħdan il-qafas tal-ECVET hu aspett essenzjali ta' dan il-proġett għandu l-għan li joħloq għarfien profond tal-programmi ta' studju, filwaqt illi jsarraf il-programmi varji f'mudell trasparenti u kompatibbli ta' riżultati tat-tagħlim li jistgħu jkunu deskritti u li l-output intellettwali li jmiss ikun jista' jibni fuqhom. Għalhekk it-tluq għall-Output Intellettwali 3 kien il-programmi ta' studju differenti kif implimentat bħalissa mill-imsieħba. Matul l-Output Intellettwali 3, dawn il-programmi għaddew minn proċess rigoruż li fuqu jistgħu jkunu stabbiliti r-riżultati tat-tagħlim. Dan hu tassew importanti għax huma r-riżultati tat-tagħlim u t-taqsim tagħhom f'għarfien, ħiliet u kompetenzi relatati li jipprovdu bażi ta' transferibilita` u trasparenza.

Ir-riżultati tat-tagħlim huma ċentrali għall-implimentazzjoni sewwa tal-ECVET biex jinkisbu permeabilita` u transferabilta`. Għalhekk il-proċess li jmexxi t-tfassil tal-kurrikulu fi ħdan il-qafas tal-ECVET biex jidentifika r-riżultati tat-tagħlim attwali hu ta' importanza kritika. Tajjeb li jingħad li t-tfassil tal-kurrikulu, ibbażat fuq l-analiżi tal-istandards tal-kontentut id f'id mal-allinjament tar-riżorsi tal-kurrikulu u l-assessjar konness bil-galbu, hu eżerċizzju għaddej kontinwament u li jwassal għal aktar stħarriġ u titjib. Matul il-proċess l-attenzjoni tintefa' fuq il-komplessitajiet tat-tagħlim tal-istudent waqt li l-istudent jakkwista l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' kull riżultat tat-tagħlim.

L-ewwel pass li jrid isir f'dan il-proċess hu l-introduzzjoni ta' terminoloġija komuni biex tiddeskrivi riżultati tat-tagħlim u kwalifikazzjonijiet, magħrufa bħala l-klassifikazzjoni ta' dominji tat-tagħlim differenti. Dan l-iżvilupp inizjali jeħtieġ aktar tisħiħ biex jikseb transferibilita` u permeabilita` bl-użu ta' format komuni biex jippreżenta riżultati tat-tagħlim. Dan hu maħsub ukoll fir-rapport tal-iżvilupp ta' sieħeb nazzjonali bil-preparazzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu ta' mudelli pprovduti mill-MCAST. Ir-riżultati tat-tagħlim għandhom ikunu jistgħu jitqiesu u bi skop, filwaqt li jkunu relatati mal-udjenza li jkunu mmirati għaliha u miktuba għal-livell adattat tal-istudenti; bħalma hu determinat mill-istandards tax-xogħol jew profili tax-xogħol u aġġustar ta' dawn mar-Referencing Report uffiċjali użat minn kull pajjiż.

Ir-riżultati tat-tagħlim huma sussegwentament mirquma aktar bil-kategorizzazzjoni tal-aspetti tagħhom fi tliet kategoriji distinti. Essenzjalment ir-riżultati tat-tagħlim huma dikjarazzjonijiet ta' x'jaf, x'jifhem u x'għandu ħila jagħmel student mat-tmiem ta' proċess tat-tagħlim. Wieħed mill-vantaġġi ewlenin li wieħed jagħfas fuq l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi hu li dawn jirrelataw mar-riżultati tat-tagħlim; u b'hekk marbuta mal-outputs tal-unita` aktar milli mal-input. B'hekk, dan jiffoka fuq it-tagħlim miksub aktar milli fuq it-tagħlim mogħti. Żvilupp bħal dan hu importanti wkoll biex jippromwovi mobilita` fi tliet sensi: titjib fil-karriera, moviment bejn setturi, u mobilita` fi ħdan l-UE. Dan jagħti lok għall-integrazzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ formali ma' żvilupp sperimentali/prattiku u informali. L-isfida hi l-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi konsistenti u koerenti.

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276

Bl-użu tat-tifsil tal-kurrikulu, ECVET PERMiT jilħaq diversi oġġettivi: ir-riżultati tat-tagħlim jidentifikaw l-unita` fejn tagħlim partikulari hu mistenni li jseħħ u jkun assessjat. Dan iwassal għal fehim aħjar tan-natura, l-għanijiet u prerekwiżiti tal-unita`. Barra minn hekk, allinjament jintlaħaq kemm fi ħdan programm u kemm bejn għanijiet istituzzjonali u msieħba tal-VET varji. Minħabba dan, permeabilita` u transferabilita`, kif mitlub minn dan il-proġett, mhux biss huma possibbli imma wkoll ikunu dokumentati u kwantifikati għal skopijiet ta' assigurazzjoni ta' kwalita`

Il-mod kif ġie żviluppat ir-rapport ta' sintesi nbena fuq tliet stadji ta' proċess. L-ewwel stadju involva x-xogħol preparatorju li sar mill-MCAST biex jiżviluppa l-linjigwida neċessarji li jridu jimxu fuqhom l-imsieħba. Dan kien dwar il-ħolqien ta' rapport ta' qafas, pjan ta' azzjoni, limiti ta' żmien u linjigwida għan-National Advisory Group (NAG).

It-tieni stadju kellu x'jaqsam mal-ħolqien tar-rapporti nazzjonali mill-imsieħba. Dan l-istadju kien fih proċess ta' għaxar passi (kif muri hawn taħt) li fl-aħħar tagħhom ir-rapport nazzjonali jkun lest u jintbagħat l-MCAST għall-evalwazzjoni fir-rapport ta' sintesi.

1. Twaqqif tan-NAG
2. Preżentazzjoni ta' profil qasir tal-imsieħeb
3. Fehim aħjar tal-qafas tal-ECVET
4. Deskrizzjoni tas-sistema ta' kwalifikazzjoni nazzjonali
5. Preżentazzjoni tal-profili kurrenti ta' żewġ programmi ta' studju
6. Fehim aħjar tar-Riżultati tat-Tagħlim
7. Akkwist tal-oġġettivi tal-programmi ta' studju
8. Twaqqif tar-riżultati tat-tagħlim
9. Presentazzjoni tar-rapport lin-NAG għall-kummenti
10. Tmiem tar-rapport li jintbagħat lill-mexxej tal-Output Intelletwali 3

In-NAG, imwaqqaf f'kull pajjiż, kellu sehem importanti matul it-tieni stadju. Is-sehem ewlieni tan-NAG kien li jaħdem bħala gwida kritiku matul il-preparazzjoni tar-rapporti nazzjonali tal-imsieħba. Barra dan, in-NAG serva ta' għajnuna biex l-imsieħba jkunu effettivi għax ħa ħsieb il-ħidma speċifika tal-kitba mill-ġdid tal-programmi fid-dawl tal-qafas tal-ECVET. L-għanijiet ewlenin tan-NAG huma li: jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-imsieħba dwar l-iżvilupp tal-programmi ta' studju; jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-imsieħba dwar ir-riżultati tat-tagħlim; reviżjoni tar-regolamenti marbuta mal-programmi ta' studju; jipprovdi forum għal qsim tal-aħjar prattiċi u diskussjoni ta' ħtiġijiet ta' żvilupp; jidentifika ħtiġijiet ta' support għall-implimentazzjoni tal-programmi li jkunu qegħdin jiġu żviluppati; jirrifletti dwar l-applikabilita` tal-kull materjal ippreżentat skont l-istandards tax-xogħol nazzjonali; jikkontribwixxi għal għarfien aġġornat, ħiliet u kompetenzi meħtieġa mill-istudenti li huma mistennija li jkunu effiċjenti f'xogħolhom.

Xogħol preparatorju diġa` beda biex titlesta l-Output Intellettwali 4 - Konverżjoni ta' Programmi ta' Studju VET għas-Sistema ECVET, kif ukoll l-Output Intelletwali 5 - Proċess ta' Validazzjoni u Assessjar Komuni għat-Trasferiment tal-Kretti bejn is-Sistema VET Formali u mhux Formali. Wara t-twaqqif tar-riżultati tat-tagħlim, l-Output Intellettwali 4 għandu l-għan li jibni fuq dan il-proċess bl-introduzzjoni ta' elementi varji bħal kontenut, qafas ta' tagħlim u punti tal-kretti. L-output intellettwali finali mbagħad hu involut fl-iżvilupp ta' assessjar komuni u proċess ta' validazzjoni għat-trasferiment ta' kretti fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll transnazzjonali. L-Output Intellettwali 5 hu marbut mal-assessjar u l-proċessi ta' validazzjoni li se jinvolvu l-ħidma pilota tal-kurrikuli tal-ECVET u l-ittestjar tal-proċess tat-trasferiment tal-

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276

kretti bbażat fuq assessjar komuni u proċess ta' validazzjoni għat-trasferiment ta' kretti ddisinjat speċifikament għal dan il-proġett.

## ECVET PERMiT @ IL-KONFERENZA INTERNAZZJONALI EfVET

Matul l-24 Konferenza Internazzjonali EfVET li saret Paphos, Ċipru, bejn il-21 u l-24 ta' Ottubru 2015, l-EfVET PERMiT kien wieħed mill-proġetti Ewropej magħżula li kienu ppreżentati matul is-sessjonijiet tad-diskussjoni. Iż-żewġ sessjonijiet kellhom it-titlu "ECVET u r-Riżultati tat-Tagħlim VET Formali u Mhux Formali: Prinċipji Bażiċi" u kien hemm total ta' aktar minn 25 ruħ li attendew is-sessjonijiet. Wieħed mill-esperti tal-ECVET mill-Intercollege, Yianna Orphanidou, mexxiet is-sessjonijiet li fihom kienu diskussi il-prinċipji ewlenin dwar l-implimentazzjoni tal-ECVET fis-settur tal-VET formali jew mhux formali. Il-parteċipanti li jirrappreżentaw istituzzjonijiet tal-VET minn għadd ta' pajjiżi bħall-Olanda, ir-Renju Unit, il-Fillandja, l-Awstrija, il-Polonja, Spanja, etc. ħadu sehem fis-sessjonijiet.

Ħafna mill-mistoqsijiet iffukaw fuq il-kuntesti nazzjonali differenti għall-kategorizzazzjoni tal-VET formali u mhux formali, kif ukoll il-benefiċċji u l-isfidi tal-għodod tal-ECVET. Il-programm tal-proġetti ppreżentati għad-diskussjoni jistgħu jinkisbu hawn:
http://www.efvet.org/images/stories/efvet2015/efvet-roundtable2015b.pdf

Meta tgħodd kollox kien hemm aktar minn 200 rappreżentant tal-VET li ħadu sehem fil-Konferenza tal-EfVET li matulha tqassmu lil kulħadd il-fuljett tal-proġett tal-ECVET PERMiT u l-1el Bullettin. Għal aktar informazzjoni dwar il-preżentazzjoni tal-Intercollege waqt din l-okkażjoni, ikkuntattja lil Yianna Orphanidou f'dan l-indirizz: orphanidou.y@intercollege.ac.cy

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276